MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 341/2011

**Khiron Security Limited (C-32128)**

**Vs**

**Ruben Caruana ID 278065(M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma dovuta mill-konvenut u cioe' tmien t'elef, disa' mija u erbgha u erbghin Ewro u hdax-il centezmu (€8,944.11) rapprezentanti servizzi rezi minnha fuq inkarigu tal-konvenut u mill-konvenut mhux imhallas, skont kuntratt debitament ffirmat mill-konvenut.

Il-konvenut ihallas ukoll l-imghaxijiet fuq is-somma mill-konvenut dovuta skont il-ligi sal-pagament effettiv, bl-ispejjez kontra l-intimat, li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-21 ta' Novembru 2011 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €8944.11 mill-5 ta' Ottubru 2011 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes ta' dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------